IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.3.2020
COM(2020) 99 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Sfond

Id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) ("id-Direttiva")[1] ġiet adottata fis-16 ta' April 2014. L-Istati Membri kellhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri nazzjonali meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-Direttiva sat-3 ta' Lulju 2016, u biex japplikaw dawk il-miżuri mill-istess data, soġġett għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) ("ir-Regolament")[2].

Id-Direttiva u r-Regolament jimmodernizzaw u jsaħħu r-regoli tal-Unjoni dwar is-salvagwardja tal-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri li qabel kienu previsti mid-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)[3] u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE.

Id-Direttiva tikkomplementa r-Regolament billi tiżgura li l-aktar reati serji kontra r-Regolament jiġu kriminalizzati, u billi tintroduċi regoli minimi għal sanzjonijiet kriminali fir-rigward ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata, żvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

Id-Direttiva ġiet adottata skont l-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skontu d-direttivi jistgħu "*jistabbilixxu r-regoli minimi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet*", jekk "*l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri f'materji kriminali tkun indispensabbli sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' politika tal-Unjoni f'qasam li kien suġġett għall-miżuri ta' armonizzazzjoni*".

1.2. Għan u elementi ewlenin tad-Direttiva

Id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi għal sanzjonijiet kriminali għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata, għall-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata u għall-manipulazzjoni tas-suq ("reati ta' abbuż tas-suq"). Hija tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tar-Regolament billi tirrikjedi li l-Istati Membri jintroduċu reati kriminali u sanzjonijiet għal mill-inqas il-każijiet is-serji ta' dawn ir-reati ta' abbuż tas-suq. B'hekk din tikkontribwixxi biex tiżgura l-integrità tas-swieq finanzjarji u ttejjeb il-protezzjoni tal-investitur u l-fiduċja f'dawk is-swieq.

F'konformità mal-Protokolli 22 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, rispettivament, id-Danimarka u r-Renju Unit ma ħadux sehem fl-adozzjoni tad-Direttiva u għalhekk mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha. L-Irlanda, min-naħa l-oħra, eżerċitat id-dritt tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva.

L-elementi ewlenin tad-Direttiva huma l-obbligi għall-Istati Membri li

- jikkriminalizzaw mill-inqas il-każijiet is-serji ta' reati ta' abbuż tas-suq (l-Artikoli 3 sa 5[4]);

[1] ĠU L173, 12.6.2014, p. 179.
[2] ĠU L173, 12.6.2014, p. 1.
[3] ĠU L 96, 12.4.2003, p.16.
[4] L-Artikoli kollha mingħajr indikazzjoni ulterjuri jirreferu għad-Direttiva.

- jikkriminalizzaw l-inċitament, l-għajnuna u l-kompliċità ta' reati ta' abbuż tas-suq, u t-tentattiv li jitwettaq kwalunkwe wieħed minn dawn ir-reati (l-Artikolu 6);
- jistabbilixxu regoli minimi dwar pieni kriminali għall-persuni fiżiċi, b'mod partikolari sanzjoni massima ta' mill-inqas erba' snin għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq, u sanzjoni massima ta' mill-inqas sentejn għall-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 7);
- jipprevedu r-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi għar-reati ta' abbuż tas-suq u sanzjonijiet għalihom (l-Artikoli 8 u 9);
- jistabbilixxu l-ġuriżdizzjoni tagħhom fuq reati ta' abbuż tas-suq (l-Artikolu 10); u
- jitolbu lil dawk responsabbli għat-taħriġ tal-persunal ġudizzjarju u tal-infurzar tal-liġi biex jipprovdu taħriġ xieraq dwar id-Direttiva (l-Artikolu 11).

1.3. L-ambitu tar-rapport; metodoloġija; proċedura

Dan ir-rapport jivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva, li jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tad-Direttiva (taħt it-taqsimiet 2 u 3) u, jekk ikun meħtieġ, dwar il-ħtieġa li tiġi emendata (taħt it-taqsima 4).

Id-deskrizzjoni u l-analiżi f'dan ir-rapport huma primarjament ibbażati fuq l-informazzjoni li l-Istati Membri pprovdew lill-Kummissjoni permezz ta' notifika tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva. Ir-rapport jiffoka fuq il-miżuri li ħadu l-Istati Membri biex jittrasponu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali tagħhom. Dan jivvaluta jekk l-Istati Membri implimentawx id-Direttiva fiż-żmien stipulat, u jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tilħaqx l-objettivi u tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

Fil-mument tal-abbozzar ta' dan ir-rapport, l-Istati Membri parteċipanti kollha nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva[5]. Il-Kummissjoni bdiet tivvaluta l-konformità tal-miżuri nazzjonali mad-Direttiva malli l-Istati Membri kkomunikawhom. Konsegwentement, f'14-il każ ta' infetħu proċeduri ta' ksur għal nuqqas ta' konformità. Matul il-kuntatti informali mal-Istati Membri, kien hemm għadd ta' kwistjonijiet ta' traspożizzjoni li setgħu jiġu solvuti b'kooperazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat, u f'ħames każijiet, il-proċeduri ta' ksur relatati għal nuqqas ta' konformità ngħalqu. Dawn il-kwistjonijiet mhumiex inklużi f'dan ir-rapport. F'disa' każijiet, il-proċeduri ta' ksur għadhom għaddejjin. F'sitta minn dawn, inħarġet ittra ta' intimazzjoni.

2. VALUTAZZJONI ĠENERALI

L-għan ewlieni tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li l-Istati Membri kollha jiddisponu minn miżuri tad-dritt kriminali effiċjenti, proporzjonati u dissważivi biżżejjed biex jipproteġu l-integrità tas-swieq finanzjarji kontra l-abbuż.

[5] Wara li għaddiet l-iskadenza għat-traspożizzjoni tat-3 ta' Lulju 2016, 18-il Stat Membru kienu għadhom ma kkomunikawx jew ma kkomunikawx għalkollox il-miżuri ta' traspożizzjoni lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni bagħtet ittri ta' intimazzjoni lil dawn l-Istati Membri għal nuqqas ta' komunikazzjoni jew għal komunikazzjoni parzjali, kif ukoll opinjoni motivata addizzjonali lil Stat Membru wieħed. Sadanittant, dawn il-proċeduri ta' ksur ingħalqu kollha.

Valutazzjoni dettaljata tal-miżuri ta' traspożizzjoni nnotifikati kkonfermat li l-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva b'mod sħiħ u korrett fl-aspetti kollha tagħha. Barra minn hekk, jista' jiġi ddikjarat li l-konstatazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità spiss kienu jikkonċernaw kwistjonijiet relattivament minuri. Pereżempju, ma nstabet l-ebda problema ta' traspożizzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-inċitament, l-għajnuna u l-kompliċità, u t-tentattiv (l-Artikolu 6); dwar is-sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi (l-Artikolu 9); dwar il-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 10); u dwar it-taħriġ (l-Artikolu 11). It-traspożizzjoni ta' pieni kriminali għal persuni fiżiċi (Artikolu 7) u r-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi (Artikolu 8) taw lok għal tħassib f'żewġ Stati Membri, rispettivament. Maġġoranza kbira tal-Istati Membri ttrasponew b'mod korrett il-kriminalizzazzjoni tar-reati tal-abbuż tas-suq, jiġifieri l-abbuż minn informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 3), l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 4) u l-manipulazzjoni tas-suq (l-Artikolu 5).

Wara li ntqal dan, il-problemi ta' traspożizzjoni li ġejjin ġew innotati matul il-verifiki tat-traspożizzjoni:

- F'għadd ta' Stati Membri, l-Artikolu 1 (suġġett u kamp ta' applikazzjoni) ma ġiex traspost b'mod korrett u komprensiv;
- Fi Stat Membru wieħed, id-definizzjonijiet (l-Artikolu 2) kienu neqsin jew mhux sħaħ;
- L-abbuż minn informazzjoni privileġġata u r-rakkomandazzjoni li persuna oħra tkun involuta f'abbuż minn informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 3) ma kinux ġew kriminalizzati għalkollox fi tliet Stati Membri;
- Stat Membru wieħed ma kkriminalizzax b'mod komprensiv l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 4);
- It-traspożizzjoni tal-Artikolu 5 (manipulazzjoni tas-suq) spiss ma kinitx kompluta peress li xi whud mill-elementi tagħha ma kinux koperti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fir-rigward tal-Artikolu 1(4), li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5, għadd ta' Stati Membri ma inkludewx speċifikament l-elementi kollha meħtieġa.

Minħabba li l-problemi ta' konformità msemmija iktar 'il fuq, li huma analizzati f'iktar dettall fit-taqsima 3, il-Kummissjoni se tieħu kull miżura xierqa, inkluż billi tiftaħ proċedimenti ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biex tiżgura l-konformità mad-Direttiva fl-Unjoni Ewropea kollha.

3. PUNTI SPEĊIFIĊI TA' VALUTAZZJONI

3.1. Suġġett u kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 1)

L-Artikolu 1 tad-Direttiva jistabbilixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. F'dak ir-rigward, dan ma jelenkax biss l-istrumenti finanzjarji li d-Direttiva tapplika għalihom (kamp ta' applikazzjoni pożittiv, il-paragrafu 2) iżda jistabbilixxi wkoll fejn id-Direttiva ma tapplikax (il-paragrafu 3). L-Artikolu 1(4) jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 (manipulazzjoni tas-suq) għal ċerti kuntratti spot dwar komoditajiet, għal ċerti tipi ta' strumenti finanzjarji relatati ma' kuntratti spot dwar komoditajiet, u għal imġiba fir-rigward ta' parametri ta' referenza. Il-paragrafu 5 jikkjarifika li d-Direttiva tapplika għal kwalunkwe tranżazzjoni, ordni jew imġiba li tikkonċerna

kwalunkwe strument finanzjarju kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 4, irrispettivament minn jekk tali tranżazzjoni, ordni jew imġiba sseħħx f'ċentru tan-negozjar.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponew l-Artikolu 1 b'mod sħiħ u f'konformità mad-Direttiva. Fil-bqija tal-Istati Membri, il-problemi li ġejjin jistgħu jiġu identifikati u għadhom pendenti:

- L-Artikolu 1(2), dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva għal tipi differenti ta' strumenti finanzjarji, ma ġiex traspost bis-sħiħ f'żewġ Stati Membri billi l-leġiżlazzjoni hija limitata għan-negozjar fuq ċerti faċilitajiet multilaterali tan-negozjar (MTFs) (il-punt (b)) u faċilitajiet organizzati tan-negozjar (OTFs) (il-punt (c)) u/jew ma tinkludix l-istrumenti finanzjarji kollha.
- L-Artikolu 1(3), li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni negattiv tad-Direttiva (bħall-eżenzjoni ta' kummerċ f'ishma proprji, titoli u politika monetarja), ma ġiex traspost f'wieħed mill-Istati Membri bħala negozjar f'titoli jew fi strumenti assoċjati għal skopijiet ta' stabbilizzazzjoni (il-punt (b)) ma jissemmiex, għall-kuntrarju tal-eżenzjonijiet l-oħra.
- L-Artikolu 1(4)(a), li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 għal ċerti kuntratti spot dwar komoditajiet ma ġiex traspost kompletament f'żewġ Stati Membri, peress li d-dispożizzjonijiet tat-traspożizzjoni nazzjonali jonqsu milli japplikaw għal kwalunkwe "mġiba" oħra li għandha effett tali. Fi Stat Membru wieħed, din id-dispożizzjoni ma ġiet trasposta xejn.
- L-Artikolu 1(4)(b) ma ġiex kompletament traspost minn żewġ Stati Membri, fejn il-miżura ta' traspożizzjoni nazzjonali tirreferi għal "tranżazzjoni" u "ordni kummerċjali" iżda tonqos milli ssemmi "mġiba" jew "offerta" oħra.
- L-Artikolu 1(4)(c), li jipprevedi li l-Artikolu 5 għandu japplika wkoll għal imġiba fir-rigward ta' parametri ta' referenza, ma kienx traspost (kompletament) minn erba' Stati Membri.

3.2. Definizzjonijiet (l-Artikolu 2)

L-Artikolu 2 jiddefinixxi 14-il terminu tekniku li huma ċentrali għall-applikazzjoni tad-Direttiva. Ħlief għal wieħed, l-Istati Membri kollha ttrasponew b'mod korrett id-definizzjonijiet ta' dawn it-termini.

Fi Stat Membru wieħed, id-definizzjoni tat-terminu "parametru ta# referenza" (nru (6)) għadha nieqsa.

3.3. Reati

L-Artikoli 3, 4 u 5 jobbligaw lill-Istati Membri biex jiżguraw il-kriminalizzazzjoni ta' tliet tipi ta' reati ta' abbuż tas-suq, mill-inqas f'każijiet serji u meta jitwettqu intenzjonalment:

- Abbuż minn informazzjoni privileġġata, rakkomandazzjoni jew tħeġġiġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 3);
- L-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 4); u
- Manipulazzjoni tas-suq (l-Artikolu 5).

3.3.1. Kwistjonijiet orizzontali

Peress li d-Direttiva tipprevedi r-regoli minimi, l-Istati Membri huma liberi li jadottaw jew iżommu regoli tad-dritt kriminali aktar stretti dwar l-abbuż tas-suq.

L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jikkriminalizzaw każijiet ta' abbuż tas-suq li ma jitqisux bħala **"serji"** . Fil-fatt, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri użaw din l-possibbiltà fir-rigward tal-iżvelar illegali.

Fir-rigward taż-żewġ reati l-oħra, kien hemm biss minoranza ta' Stati Membri li għamlu hekk. Madankollu, anki dawk li marru lil hinn mir-rekwiżit minimu ġeneralment għamlu hekk mingħajr referenza għal-listi mhux eżawrjenti ta' kriterji fil-Premessi 11 u 12. Din hija analizzata aktar 'l isfel fit-taqsima4.1. Barra minn hekk, kultant il-possibbiltà għall-Istati Membri li jillimitaw il-kriminalizzazzjoni għal każijiet serji ntużat biex jiġi ġġustifikat tnaqqis tal-elementi tar-reat. Pereżempju, l-alternattiva ta' manipulazzjoni tas-suq permezz ta' "kwalunkwe mġiba oħra" fl-Artikolu 5(2)(a) ma ġietx trasposta, u b'hekk inħolqot lakuna fil-kriminalizzazzjoni ta' dak ir-reat.

Id-Direttiva ma teħtieġx li l-Istati Membri jikkriminalizzaw it-twettiq **negliġenti** tar-reati, għalkemm il-Premessa 21 tgħid b'mod espliċitu li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-manipulazzjoni tas-suq imwettqa bi traskuraġni jew b'negliġenza serja tikkostitwixxi reat kriminali. Ftit Stati Membri użaw din il-possibbiltà u kkriminalizzaw imġiba negliġenti f'xi forma jew oħra, eż. meta persuna ikun imissha tkun taf li l-informazzjoni tkun informazzjoni privileġġata. Din hija analizzata aktar 'l isfel fit-taqsima4.3.

Xi Stati Membri żiedu elementi mad-definizzjoni tar-reat li mhumiex meħtieġa mid-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-element mentali (*mens rea*). Pereżempju, **l-intenzjoni speċifika** li jinkiseb vantaġġ illegali jew li jiġi kkawżat żvantaġġ illegali kienet meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni qieset li dan huwa ammissibbli bħala espressjoni tal- "gravità" tal-każ.

3.3.2. Abbuż minn informazzjoni privileġġata

L-Artikolu 3(1) jistipula li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-abbuż minn informazzjoni privileġġata, ir-rakkomandazzjoni jew it-tħeġġiġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata, jikkostitwixxu reati kriminali (il-paragrafu 1). Għall-finijiet tad-Direttiva, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata sseħħ meta persuna jkollha informazzjoni privileġġata u tuża dik l-informazzjoni billi takkwista jew tagħmel ċessjoni ta', akkont tagħha jew akkont ta' parti terza, direttament jew indirettament, strumenti finanzjarji li magħhom tkun marbuta dik l-informazzjoni (il-paragrafu 2).

L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 jelenka l-persuni li l-Artikolu japplika għalihom. Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu jispeċifika li l-artikolu japplika wkoll għal kwalunkwe persuna li tkun kisbet informazzjoni privileġġata f'ċirkostanzi għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu meta dik il-persuna tkun taf li hija informazzjoni privileġġata. Żewġ Stati Membri ma ttrasponewx dan l-obbligu tal-aħħar ("ċirkostanzi oħrajn").

Ir-reat ta' rakkomandazzjoni jew tħeġġiġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata huwa definit ulterjorment fl-Artikolu 3(6). Stat Membru wieħed ma ttrasponiex b'mod sħiħ dan ir-reat, peress li mhuwiex kriminalizzat jekk il-persuna l-oħra ma ssegwix ir-rakkomandazzjoni.

3.3.3. L-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata

Skont l-Artikolu 4(1), l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata kif definit fil-paragrafi 2 sa 5 jikkostitwixxi reat kriminali.

Fiż-żmien meta ġie abbozzat dan ir-rapport, Stat Membru wieħed biss kien għadu ma ġabx il-leġiżlazzjoni tiegħu kompletament konformi ma' dan l-Artikolu minħabba li ma kkriminalizzax l-iżvelar ulterjuri ta' rakkomandazzjonijiet jew tħeġġiġ kif meħtieġ mill-Artikolu 4(4).

3.3.4. Manipulazzjoni tas-suq

L-Artikolu 5 jobbliga lill-Istati Membri jikkriminalizzaw il-manipulazzjoni tas-suq kif definit f'dak l-Artikolu. Essenzjalment, ir-reat jinkludi d-dħul fi tranżazzjoni, it-tqegħid ta' ordni għan-negozjar, it-tqassim ta' informazzjoni, jew xi mġiba oħra li tagħti sinjali foloz jew qarrieqa lis-swieq jew li tiżgura l-prezz ta' strument finanzjarju f'livell anormali.

Dan l-artiklu wassal għall-akbar għadd ta' problemi ta' traspożizzjoni. B'kollox, ġew identifikati aktar minn 20 problema f'seba' Stati Membri differenti.

Kull wieħed minn dawn is-seba' Stati Membri kellu problemi fit-traspożizzjoni tal-paragrafu 2(a), li skontu din il-manipulazzjoni tas-suq tinkludi "dħul fi tranżazzjoni, tqegħid ta' ordni għan-negozjar jew xi mġiba oħra li (i) tagħti sinjali foloz jew qarrieqa dwar il-provvista ta', id-domanda għal, jew il-prezz ta' strument finanzjarju jew kuntratt spot relatat dwar il-komoditajiet; […]" [enfasi miżjuda].

Fil-każijiet kollha, l-Istati Membri kkonċernati naqsu milli jinkludu "xi mġiba oħra" fid-definizzjoni tar-reat. Barra minn hekk, tliet Stati Membri ma kinux jinkludu kuntratti spot dwar il-komoditajiet. Stat Membru wieħed ma kienx kopra s-subparagrafu affattu.

Bl-istess mod, fir-rigward tas-subparagrafi 2(b) (imġiba qarrieqa li taffettwa l-prezz ta' strumenti finanzjarji jew kuntratt spot relatat dwar il-komoditajiet) u (c) (it-tqassim ta' informazzjoni permezz tal-midja li tagħti sinjali foloz jew qarrieqa, sabiex jinkiseb vantaġġ), erba' Stati Membri u tliet Stati Membri, rispettivament, ma kinux koprew il-forom kollha ta' mġiba u/jew kuntratti spot dwar il-komoditajiet.

Fl-aħħar nett, erba' Stati Membri ma kinux ittrasponew l-elementi kollha tal-paragrafu 2(d) (manipulazzjoni tas-suq fir-rigward tal-kalkolu ta' parametru ta' referenza), billi dan is-subparagrafu ma ġiex traspost affattu jew ma kopra ebda "mġiba oħra" biex jiġi mmanipulat il-kalkolu ta' parametri ta' referenza.

3.4. Inċitament, għajnuna u kompliċità, u tentattiv (l-Artikolu 6)

L-Artikolu 6(1) jobbliga lill-Istati Membri jikkriminalizzaw l-inċitament, l-għajnuna u l-kompliċità fir-rigward tar-reati stabbiliti fl-Artikolu 3 (ħlief ir-rakkomandazzjoni jew tħeġġiġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata), 4 u 5 tad-Direttiva.

Skont l-Artikolu 6(2), tentattiv għandu jkun punibbli wkoll bħala reat kriminali iżda fir-rigward tal-Artikoli 3 (inkluż ir-rakkomandazzjoni jew tħeġġiġ lil ħaddieħor biex jinvolvi ruħu f'abbuż minn informazzjoni privileġġata) u 5 biss, u mhux fir-rigward tal-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata (l-Artikolu 4).

L-Istati Membri kollha jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti, li huma ġeneralment stabbiliti fil-parti ġenerali tal-kodiċijiet kriminali rispettivi tagħhom.

3.5. Pieni kriminali għal persuni fiżiċi (l-Artikolu 7)

L-Artikolu 7(1) jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 jkunu punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Skont l-Artikolu 7(2), l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq iridu jkunu punibbli b'terminu ta' priġunerija massimu ta' mill-inqas erba' snin. Skont l-Artikolu 7(3), l-iżvelar illegali irid ikun punibbli b'terminu ta' priġunerija massimu ta' mill-inqas sentejn.

Il-konformità mal-Artikolu 7(1) tkejlet skont:

i. il-livell tas-sanzjonijiet għal reati kriminali simili;
ii. tipi oħra ta' reati fil-liġi nazzjonali rispettiva li jipprovdu l-istess livell ta' sanzjonijiet.

L-Istati Membri kollha jipprevedu priġunerija għar-reati ta' abbuż tas-suq. L-ikbar terminu ta' priġunerija massimu kien ta' 10 snin. Stat Membru wieħed instab li kien qed jikser l-obbligu tiegħu skont l-Artikolu 7(2) minħabba li s-sanzjoni massima minima kienet ta' inqas minn erba' snin għall-abbuż minn informazzjoni privileġġata u għall-manipulazzjoni tas-suq. Stat Membru ieħor applika sanzjonijiet differenti għall-Artikolu 3(3)(d), minn naħa waħda, u l-Artikolu 3(3)(a), (b) u (c), min-naħa l-oħra.

3.6. Persuni ġuridiċi (l-Artikoli 8 u 9)

3.6.1. Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi (l-Artikolu 8)

L-Artikolu 8(1) jistabbilixxi l-obbligu li l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati ta' abbuż tas-suq, jekk ikunu twettqu għall-benefiċċju tagħhom minn persuni li jkollhom responsabbiltajiet partikolari fi ħdan l-entità ġuridika, jiġifieri:

a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;
b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew
c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

Filwaqt li t-traspożizzjoni tal-Artikolu 8 tvarja fil-limiti stabbiliti mid-Direttiva, l-Istati Membri kollha għandhom skemi fis-seħħ li jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal reati ta' abbuż tas-suq. F'konformità mal-Premessa 18, ir-responsabbiltà tista' tkun kriminali jew mhux kriminali.

Xi Stati Membri ma jipprevedux responsabbiltà kriminali għal persuni ġuridiċi fl-ordinament ġuridiku tagħhom iżda minflok stabbilew sanzjonijiet amministrattivi u ċivili. Il-maġġoranza tal-Istati Membri, madankollu, introduċew reġimi ta' responsabbiltà kriminali għall-persuni ġuridiċi.

L-Artikolu 8(2) jestendi r-responsabbiltà tal-persuna ġuridika għal każijiet meta reat ta' abbuż tas-suq ikun sar possibbli minħabba nuqqas ta' kontroll jew ta' superviżjoni minn waħda minn dawn il-persuni. Żewġ Stati Membri għadhom ma ttrasponewx b'mod korrett din id-dispożizzjoni.

L-Artikolu 8(3) jistipula li r-responsabbiltà kriminali ta' persuna ġuridika m'għandhiex teskludi r-responsabbiltà kriminali ta' persuna fiżika għal reat ta' abbuż tas-suq. Dan kien il-każ fl-Istati Membri kollha.

3.6.2. Sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi (l-Artikolu 9)

L-Artikolu 9 jistipula li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-persuni ġuridiċi li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll sanzjonijiet oħra mhux finanzjarji. Fil-punti (a) sa (e), hemm elenkati l-possibbiltajiet mhux eżawrjenti għal sanzjonijiet addizzjonali bħal dawn.

Meta – bħal fil-każ tal-parti l-kbira tal-Istati Membri – il-livell tal-multi ma kienx marbut mal-benefiċċju tad-delitt jew mal-fatturat tal-entità ġuridika, u meta l-livell tal-multi tqies li kien baxx, ġew ikkunsidrati s-sanzjonijiet fakultattivi. Meta fil-liġi nazzjonali rispettiva jkunu previsti aktar sanzjonijiet kumulattivi (eż. l-esklużjoni minn intitolament għall-benefiċċji pubbliċi, stralċ ġudizzjarju, eċċ.) minbarra multi, is-sistema ta' sanzjonijiet f'dak l-Istat Membru kienet – fil-prinċipju – kkunsidrata bħala li hija f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, l-Istati Membri kollha ttrasponew l-Artikolu 9 b'mod sodisfaċenti, anke jekk il-multi disponibbli kienu kultant relattivament baxxi. L-Istati Membri kollha introduċew ukoll sanzjonijiet għajr multi għall-persuni ġuridiċi. Fost il-possibbiltajiet previsti fid-Direttiva, l-iskwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet kummerċjali u ta' stralċ ġudizzjarju huma l-possibbiltajiet ippreferuti.

3.7. Ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 10)

L-Artikolu 10(1) jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu ġuriżdizzjoni fuq reati ta' abbuż tas-suq skont:

a) il-prinċipju tat-territorjalità (reati mwettqa kompletament jew parzjalment fit-territorju tal-Istat Membru); u
b) il-prinċipju tal-personalità attiva (reati mwettqa minn ċittadin tal-Istat Membru).

L-Istati Membri kollha stabbilew il-prinċipju tat-territorjalità kif stipulat fl-Artikolu 10(1)(a) permezz ta' dispożizzjonijiet ġenerali espliċiti li reati kriminali mwettqa interament jew parzjalment fit-territorju tagħhom jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. Il-parti l-kbira tal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri fihom dispożizzjonijiet espliċiti li jestendu l-ġuriżdizzjoni wkoll għal reati mwettqa "parzjalment" fit-territorju nazzjonali. Fi Stati Membri oħrajn, li ma jiddistingwux bejn "interament" jew "parzjalment", jista' jiġi dedott li ż-żewġ alternattivi huma koperti. Fi Stat Membru wieħed, dan jirriżulta mill-ġurisprudenza.

Bl-istess mod, l-Istati Membri kollha ttrasponew b'mod korrett il-prinċipju tal-personalità attiva bħala bażi biex tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 10(1)(b). B'mod ġenerali, l-Istati Membri jeħtieġu li l-awtur tar-reat ikun ċittadin fil-mument tat-twettiq tar-reat.

Għadd kbir ta' Stati Membri użaw il-possibbiltajiet fid-Direttiva biex jestendu l-ġuriżdizzjoni tagħhom. Ħames Stati Membri għażlu li jestendu l-ġuriżdizzjoni għal reati mwettqa kontra wieħed miċ-ċittadini tagħhom (il-prinċipju ta' personalità passiva). Erbatax-il Stat Membru għażlu li jużaw il-possibbiltà skont l-Artikolu 10(2)(a) dwar il-ġuriżdizzjoni fuq ir-residenti abitwali; sitta japplikaw il-possibbiltà skont l-Artikolu 10(2)(b) dwar il-ġuriżdizzjoni meta r-reat ikun sar għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tagħhom; u erbatax ma jeħtiġux kriminalità doppja f'każ ta' reati mwettqa barra l-pajjiż miċ-ċittadini tagħhom.

4. IL-ĦTIEĠA LI TIĠI EMENDATA D-DIRETTIVA

L-Artikolu 12 jeħtieġ li l-Kummissjoni mhux biss tivvaluta t-traspożizzjoni tad-Direttiva iżda wkoll, jekk ikun hemm bżonn, il-ħtieġa li tiġi emendata, inkluż fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' każijiet serji, il-livell ta' sanzjonijiet u l-elementi fakultattivi msemmija fid-Direttiva (ara t-taqsima 5 iktar 'l isfel).

4.1. Interpretazzjoni ta' każijiet serji

Id-Direttiva fiha indikazzjonijiet mhux eżawrjenti dwar liema każijiet jenħtieġ li jitqiesu bħala "serji". Dawn il-kriterji jistgħu jintużaw f'każijiet individwali biex jiġi determinat jekk każ konkret huwiex wieħed "serju". Skont il-Premessa 11, l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-iżvelar illegali ta' informazzjoni privileġġata jenħtieġ li jitqiesu bħala serji f'każijiet bħal dawk meta l-impatt fuq l-integrità tas-suq, il-profitt reali jew potenzjali li jkun sar jew it-telf li jkun ġie evitat, il-livell ta' ħsara

kkawżata lis-suq, jew il-valur ġenerali tal-istrumenti finanzjarji nnegozjati jkun kbir. Ċirkostanzi oħrajn li jistgħu jitqiesu huma l-involviment f'organizzazzjoni kriminali jew ir-reċidività.

Bl-istess mod, il-manipulazzjoni tas-suq jenħtieġ li titqies bħala serja f'każijiet bħal dawk li fihom il-livell tal-bidla tal-valur tal-istrument finanzjarju jew il-kuntratt spot tal-komoditajiet jew l-ammont ta' fondi oriġinarjament użat ikun kbir jew fejn il-manipulazzjoni titwettaq minn persuna impjegata jew li taħdem fis-settur finanzjarju jew f'awtorità superviżorja jew regolatorja (il-Premessa 12).

L-Istati Membri ħadu xi gwida minn dawn il-premessi. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huma qiesu biss kriterju wieħed jew xi wħud mill-kriterji msemmija, eż. il-valur tal-istrumenti finanzjarji nnegozjati. Matul il-kuntatti informali, bosta Stati Membri enfasizzaw in-natura mhux vinkolanti tal-premessi. Ħafna Stati Membri għażlu li jillimitaw b'mod astratt id-definizzjoni tar-reat jew is-sanzjonijiet għall-każijiet serji biss.

4.2. Livell ta' sanzjonijiet

Kien hemm verament ftit problemi ta' konformità fir-rigward tal-livell tas-sanzjonijiet. Fi Stat Membru wieħed biss, is-sanzjoni massima minima għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq kienet ta' inqas minn erba' snin. Spiss, il-limitu massimu għall-priġunerija kien ogħla minn erba' snin u sentejn, rispettivament, previst fid-Direttiva.

4.3. Elementi fakultattivi

Bl-eċċezzjoni tal-ġuriżdizzjoni (ara 3.7), relattivament ftit Stati Membri implimentaw l-elementi fakultattivi tad-Direttiva. Għalkemm il-Premessa 21 espliċitament tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-manipulazzjoni tas-suq kommessa bi traskuraġni jew b'negliġenza serja tikkostitwixxi reat kriminali, ħafna Stati Membri jidhru li għandhom dubji dwar jekk ir-reati ikkonċernati jistgħux fil-fatt jitwettqu mingħajr intenzjoni. Madankollu, fi Stat Membru wieħed, imġiba negliġenti hija punibbli meta persuna ikun imissha kienet taf li l-informazzjoni tkun informazzjoni privileġġata jew imissha tkun taf li l-imġiba tkun ibbażata fuq informazzjoni privileġġata; f'każ wieħed, filwaqt li mġiba intenzjonata biss titqies bħala reat, imġiba negliġenti titqies bħala kontravvenzjoni; fi Stat Membru ieħor, ir-reati ordinarji huma kriminalizzati wkoll f'każ ta' negliġenza gravi. Fi tliet Stati Membri, l-azzjonijiet negliġenti huma ġeneralment kriminalizzati.

F'xi każijiet oħrajn, l-Istati Membri marru wkoll lil hinn mir-rekwiżiti minimi tad-Direttiva. Dawn jirrigwardaw prinċipalment il-kamp ta' applikazzjoni tar-reat ta' manipulazzjoni tas-suq, is-sanzjonijiet għall-persuni fiżiċi, u l-kriminalizzazzjoni ta' reati ta' abbuż tas-suq irrispettivament minn jekk ikunux serji jew le. Fil-fatt, żewġ Stati Membri biss ma marrux lil hinn mid-Direttiva ("gold plating") b'xi mod jew ieħor.

5. KONKLUŻJONIJIET

Din id-Direttiva kienet introdotta bil-ħsieb li ssaħħaħ l-integrità tas-swieq finanzjarji u ttejjeb il-protezzjoni tal-investitur u l-fiduċja f'dawk is-swieq. Kumplessivament, id-Direttiva tipprovdi valur miżjud billi tappoġġa dawn l-għanijiet permezz tad-dritt kriminali u billi tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tar-Regolament għal mill-inqas il-każijiet is-serji ta' reati ta' abbuż tas-suq.

Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5 (manipulazzjoni tas-suq), il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-kriminalizzazzjoni ta' reati ta' abbuż tas-suq, dwar pieni kriminali u r-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi. Għal xi artikoli, bħad-

dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni, ma nstabet assolutament l-ebda problema ta' traspożizzjoni. Fir-rigward tal-manipulazzjoni tas-suq, normalment kien l-element ta' manipulazzjoni permezz ta' "xi mġiba oħra" u/jew "relatata ma' kuntratti spot dwar il-komoditajiet" li ma kienx kopert fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-valutazzjoni turi li l-applikazzjoni tad-Direttiva xorta tista' titjieb: filwaqt li l-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ġew trasposti mill-parti l-kbira tal-Istati Membri, b'kollox 11-il Stat Membru kellhom problemi ta' traspożizzjoni b'dispożizzjoni waħda jew b'bosta dispożizzjonijiet, kif indikat fit-taqsimiet preċedenti.

Il-Kummissjoni se tkompli tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mad-Direttiva u se tieħu kull miżura xierqa sabiex tiżgura li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha madwar l-Unjoni Ewropea kollha.